



2024/1997

24.7.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1997

tat-22 ta' Lulju 2024

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2021/156 li ġġedded il-mandat tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u fit-Teknoloġiji l-Ġodda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2016 li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/156 ⁽²⁾ ġġeddet il-mandat tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u fit-Teknoloġiji l-Ġodda ("GEE") għal perjodu indefinit biex tiżgura li dan ikompli jipprovi parir indipendenti fuq livell orizzontali lill-Kummissjoni dwar il-politiki u l-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni fejn id-dimensjonijiet etiċi, soċjetali u tad-drittijiet fundamentali jiltaqgħu mal-iżvilupp tax-xjenza u tat-teknoloġiji l-ġodda, jew fuq talba tal-Kummissjoni jew fuq inizjattiva tiegħu stess u bi qbil mal-Kummissjoni.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, fost l-oħrajn, għandu l-objettiv li jwettaq il-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u jikkontribwixxi għat-twettiq tal-objettivi u l-politiki tal-Unjoni, li f'konformità mal-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għandhom l-għan li jippromwovu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-benesseri tal-popli tagħha. L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2021/695 jistipula li l-objettiv speċifiku tal-Programm huwa, *inter alia*, li jiġġenera l-għarfien li jappoġġa u jimplementa l-politiki tal-Unjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali. L-Artikolu 12(6) jistabbilixxi li l-baġit ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, jista' jkopri wkoll l-ispejjeż ta' preparazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar, evalwazzjoni u attivitajiet oħra u nefqiet meħtieġa għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm Orizzont Ewropa, inkluż l-infiq amministrattiv kollu, kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-ksib tal-għanijiet tiegħu. Jista' jkopri wkoll, sa fejn ikunu relatati mal-għanijiet tal-Programm, spejjeż relatati ma' studji, ma' laqgħat ta' esperti, ma' azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni. Il-GEE jagħti pariri li jissodisfaw l-objettivi tal-Orizzont Ewropa.
- (3) L-attivitajiet tal-GEE huma essenzjali għall-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-politiki jew tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-Kummissjoni peress li jappoġġaw l-integrazzjoni tad-drittijiet u tal-valuri fundamentali fil-politiki tal-Unjoni fl-oqsma tal-iżvilupp tax-xjenza u tat-teknoloġiji l-ġodda. Il-GEE huwa stabbilit għal dan il-għan speċifiku u għandu l-kompitu li jipprovi gwida kritika għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki jew tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-forma ta' analiżijiet u rakkomandazzjonijiet, ippreżentati f'Opinjoni u f'Dikjarazzjonijiet u orjentati lejn il-promozzjoni ta' tfassil tal-politika tal-Unjoni b'mod etiku. Il-gwida pprovduta mill-GEE hija żviluppata bi tweġiba għat-talbiet mill-Kummissjoni dwar l-isfidi speċifiċi ffaċċjati, jew fuq inizjattiva proprja tal-GEE abbażi tal-identifikazzjoni tiegħu ta' sfidi speċifiċi li l-Kummissjoni tista' tindirizza. Il-parir tal-GEE wasal biex ikopri firxa wiesgħa ta' oqsma u sfidi ta' kumplessità akbar. L-interazzjoni bejn id-domanda tal-politika u l-parir tal-GEE jenħtieġ li tissaħħaħ aktar, u n-natura indipendenti, il-kwalità, l-integrità u t-trasparenza tal-parir tiegħu lill-Kummissjoni jenħtieġ li jkomplu jiġu żgurati bl-ogħla standards. Għalhekk, jenħtieġ li jingħata appoġġ finanzjarju adegwat fil-forma ta' indennizz speċjali għall-membri tal-GEE, b'mod parallel mar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza.

⁽¹⁾ C(2016) 3301, 30.5.2016, [https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=C\(2016\)3301&lang=en](https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/detail?ref=C(2016)3301&lang=en).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/156 tad-9 ta' Frar 2021 li ġġedded il-mandat tal-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u fit-Teknoloġiji l-Ġodda (ĠU L 46, 10.2.2021, p. 34, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/156/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

- (4) Il-GEE jenħtieġ li jkun magħmul minn esperti kwalifikati ħafna u indipendenti, maħtura fil-kapaċità personali tagħhom, li jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess pubbliku. Għall-għażla tagħhom, il-Kummissjoni hija megħjuna minn Kumitat tal-Identifikazzjoni indipendenti. L-għażla ssir fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, wara sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet. Jenħtieġ li jingħata wkoll appoġġ finanzjarju adegwat lill-membri tal-Kumitat tal-Identifikazzjoni fil-forma ta' indennizz speċjali biex jiġu kkompensati għax-xogħol essenzjali tagħhom fiż-żamma tal-integrità tal-GEE fil-kuntest tal-għażla tal-membri tal-GEE.
- (5) Il-GEE jenħtieġ li jaħtar President u Viċi President wieħed jew tnejn għal durata li ma taqbiżx il-mandat tagħhom.
- (6) Id-dipartiment responsabbli tal-Kummissjoni jenħtieġ li jkun jista' jsejjaħ laqgħat tal-GEE mhux biss fiżikament iżda wkoll online biex iqis l-arranġamenti tax-xogħol il-ġodda li ġew introdotti minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u l-politika tal-Ekoloġizzazzjoni tal-Kummissjoni.
- (7) L-avvenimenti tad-diskussjoni madwar mejda tal-GEE jenħtieġ li ma jibqgħux marbuta mal-iżvilupp ta' Opinjoni, sabiex ikunu jistgħu jiġu organizzati meta jkun rilevanti u possibbli.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2021/156 tiġi emendata skont dan,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Id-Deċiżjoni (UE) 2021/156 hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-proċess tal-għażla għandu jkun issorveljat minn Kumitat tal-Identifikazzjoni. B'mod partikolari, il-Kumitat tal-Identifikazzjoni għandu jassisti lill-Kummissjoni fl-identifikazzjoni u fl-għażla tal-membri potenzjali tal-GEE u fil-valutazzjoni tad-disponibbiltà u tar-rieda tagħhom li jservu fir-rwol. Il-Kumitat tal-Identifikazzjoni għandu jkun magħmul minn tliet membri, maħtura abbażi tal-esperjenza rilevanti tagħhom mill-membri tal-Kummissjoni responsabbli għad-dipartiment tal-Kummissjoni li jipprovdi s-segretarjat tal-GEE u jkun appoġġat minn segretarjat ipprovdut mid-dipartiment responsabbli tal-Kummissjoni. Il-Kumitat tal-Identifikazzjoni għandu jaġmel valutazzjoni tal-kandidati eliġibbli mil-lista sottomessa mid-dipartiment responsabbli tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' valutazzjoni inizjali tal-applikazzjonijiet kollha skont il-kriterji tal-għażla. Il-Kumitat tal-Identifikazzjoni għandu jissottometti r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-membri tal-Kummissjoni responsabbli għad-dipartiment tal-Kummissjoni li jipprovdi s-segretarjat tal-GEE.”

- (2) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-GEE għandu jeleġġi President u Viċi President wieħed jew tnejn minn fost il-membri tiegħu għal durata li ma taqbiżx il-mandat tagħhom b'maġġoranza sempliċi.”

- (3) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7. Il-laqgħat tal-GEE għandhom isiru fil-bini tal-Kummissjoni, permezz ta' vidjokonferenza jew bil-modalità ibrida, f'konformità mal-modalitajiet u l-kalendarju stabbilit mid-dipartiment responsabbli tal-Kummissjoni. Il-GEE għandu jiltaqa' bejn erba' u sitt darbiet matul perjodu ta' 12-il xahar. Jistgħu jiġu organizzati aktar laqgħat skont il-bżonn, bi qbil mad-dipartiment responsabbli tal-Kummissjoni.”

- (4) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“9. Id-dipartiment responsabbli tal-Kummissjoni għandu jorganizza diskussjoni pubblika madwar mejda sabiex jippromwovi d-djalogu u jtejjeb it-trasparenza dwar il-kwistjonijiet li jkun qed jaħdem fuqhom il-GEE. Il-GEE għandu jstabbilixxi rabtiet mill-qrib mad-dipartimenti tal-Kummissjoni kkonċernati minn kwistjonijiet li jkun qed jaħdem fuqhom il-GEE.”

(5) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 13

Indennizzi speċjali u spejjeż tal-laqqgħat

1. Il-membri tal-GEE għandhom jitħallsu EUR 450 għal kull jum ta' attendenza sħiħa f'laqgħa plenarja, EUR 225 għal attendenza parzjali, u EUR 225/450 għal kull nofs jum/jum sħiħ ta' xogħol addizzjonali fis-servizz tal-GEE. Huma ma għandux ikollhom relazzjoni ta' impjeg mal-Kummissjoni. L-indennizzi speċjali għandhom jitħallsu lill-membri tal-GEE, tas-sottogruppi tiegħu u tal-Kumitat tal-Identifikazzjoni skont l-Artikolu 5(4) ta' din id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 21(2) tar-regoli orizzontali.
2. Il-membri tal-GEE jistgħu jintalbu mill-Kummissjoni biex jiddedikaw sa 40 jum tax-xogħol (li jinkludu laqqgħat u xogħol) fis-sena għal dawn il-kompiti. Għall-President u l-Viċi Presidenti, in-numru massimu huwa ta' 60 jum ta' xogħol.
3. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza mġarrba mill-parteċipanti fl-attivitajiet tal-GEE u tas-sottogruppi tiegħu u mill-membri tal-Kumitat tal-Identifikazzjoni skont l-Artikolu 5(4) ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni. Ir-rimborż għandu jsir f'konformità mar-rati pprovduti skont l-Artikolu 13 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal^(*) u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet disponibbli allokat li servizzi tal-Kummissjoni skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.”

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Iliana IVANOVA
Membru tal-Kummissjoni

^(*) Ir-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), li jstabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 45 14.6.1962, p. 1385, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg/1962/11\(3\)/oj](http://data.europa.eu/eli/reg/1962/11(3)/oj)). [Fl-att konsolidat, din in-nota f'qiegħ il-paġna se tiġi numerata “7” minflok “3”.]